MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Numru. 531/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Steve Matthew Grima**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Steve Matthew Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 124586(M).

Akkuzat talli fis-17 ta’ Mejju 2012, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:
1. Iffalsifika xi biljetti tal-flus u/jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta’ valuta EURO, meta kien jaf li kienu falsifikati;

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta EURO falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;

3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, b'mezzi kotnra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki floloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, bew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' anqas minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Stepan Bonnici, George Mifsud, Charity Shop Pieta`, Gracie Micallef, Philip Grech u Carmelo Vassallo.

U b'hekk:

a. Wettaq reat fi zmien il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; u

b. Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi midbula.

Rat it-talba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Rat it-talba sabiex jekk, fil-waqt tal-procedimenti kriminali, tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista' ikun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-ammissjoni tal-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu fi stadju bikri tal-proceduri quddiem din il-Qorti;

Rat ukoll ix-xhieda tal-psikjatra Dr Joseph Spiteri tad-9 ta’ Lulju 2012, fejn huwa kkonferma illi apparti li l-imputat ghandu problema akuta ta’ droga, ghandu wkoll problemi psikjatrici senjatament ibati minn “manic depressive” disorder.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 308 u 310 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 qed issib lill-imputat Steve Matthew Grima hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza u t-tielet akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel u t-tieni akkuza, qeghda tikkukndannah ghal sentejn (2) prigunerija, f’liema perijodu l-impuat ghandu jkollu l-facilita` kollha inkluz bi programm kontra d-dipendenza fuq id-droga u facilita` ta’ psikjatra sabiex ikompli jikkura l-istat mentali tieghu u dan kif xehed l-istess psikjatra Dr Joseph Spiteri.

Inoltre a rigward tal-aggravju tar-recediva, ma hijiex ser tipprevalixxi ruhha mill-awment tal-piena u dan minhabba n-natura sensittiva tal-kaz u minhabba l-qaghda psikologika tal-imputat. A rigward li l-imputat wettaq reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza, tordna l-waqfien tal-piena originali u tordna li l-perijodu hemm imsemmi jerga’ jibda jiddekorri millum b’zieda pero` ta’ ordni ta’ supervizjoni taht l-Artikolu 28G tal-Kap. 9.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja ta’ Supervision Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------